MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 309/2004

Kawza fil-lista: 32

**WQ**
**vs**
**TQ**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Novembru 1987, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett t'itfal, C, C [illum maggorenni] u B [li llum ghadha minorenni]; li z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli tort tal-konvenut minhabba abbandun, nuqqas ta' fondi ghall-manteniment, sevizzi, ingurji u nuqqasijiet ohra; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk il-konvenut ghandu jiddikjara

ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli ghall-istess konvenut.

2. Tillikwida s-somma dovuta mill-konvenut bhala manteniment lill-attrici u t-tfal minuri C ta’ sittax-il sena (16), C ta’ tnax-il sena (12) u B ta’ tmien snin (8).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici u l-minuri skont kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas, a bazi tal-allegazzjoni da parti tal-konvenut illi huwa jinsab minghajr impjieg, tigi assenjata dik il-porzjoni, wara li ssir id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, minn sehem il-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghall-manteniment tal-attrici u uliedha.

4. Taffida lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri b’access li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti ghall-konvenut.

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tiddividiha f’ porzjonijiet mhux necessarjament ugwali w ope sententiam tassenja porzjoni lill-attrici u ohra lill-konvenut.

6. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha jew parti minnhom sa fejn applikabbli tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li l-htija tas-separazzjoni hija attribwibbli lill-attrici; li, ghalkemm huwa lest li jhallas manteniment ghal uliedu sakemm dawn isiru maggjorenni, huwa m’ghandux ihallas manteniment lill-attrici peress li din ghandha l-kapacita’ li tahdem u tiggenera ntrojtu;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat [illum Imhallef] Dottor Mark Chetcuti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut fit-termini tal-artikoli 40 u 41 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Novembru 1987, wara li l-attrici skopriet li kienet tqila, u meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 21 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett t'itfal, C, C, li llum huma maggjorenni, u B, li llum ghandha sittax-il sena.

Illi fl-ewwel zmien taz-zwieg il-partijiet kienu joqghodu ma' omm l-attrici fl-Imqabba; izda wara ftit taz-zmien marru jghixu ghal rashom. Kien f' dan il-perijodu li beda jinqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, b' litigji kontinwi, rizultat tal-komportament tal-konvenut ghal dak li l-attrici tghid li kien indhil kontinwu ma' ommu. L-attrici tilmenta mill-indhil ta' omm il-konvenut fl-affarijiet ta' bejniethom, filwaqt li l-konvenut jilmenta li l-attrici kienet, minghajr ebda raguni valida, ma ggibx lil ommu w lill-familjari tieghu, bir-rizultat li l-konvenut kien jispicca jmur id-dar t'ommu, bit-tfal, minghajr l-attrici.

Sfortunatament din il-problema kienet rikorrenti fiz-zwieg tal-partijiet, u kienet il-kawza t'inkwiet kostanti bejn il-koppja li, sforz l-inkompatibilita' ta' karattru u, anke tghid din il-Qorti, sforz l-immaturita' taghhom, serviet t'ostakolu sabiex il-partijiet jgharfu jigbdu habel wiehed; bir-rizultat li, minflok ir-relazzjoni matrimonjali kibret u zviluppat, huma tbieghdu minn xulxin, sakemm fl-ahhar, il-konvenut beda

jabdika mid-doveri tieghu, bhala ragel tal-familja, u eventwalment telaq mid-dar konjugali fil-11 ta' April 2004.

Wara circa tlett gimghat mis-separazzjoni de facto, huwa ntlemah fil-kumpanija ta' mara mizzewwga. Fil-kontro-ezami tieghu[1], l-konvenut jammetti li ghandu relazzjoni ma' din il-mara li ghandha erba' t'itfal u tghix Marsaxlokk, filwaqt li hu joqghod ix-Xemxija. Jghid li lil dawn "ma tantx nghinhom finanzjarjament. Nonfoq ghal bzonnijiet tieghi."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi fir-rigward il-Qorti taqbel in sostanza mal-osservazzjonijiet maghmula mill-perit legali fir-rigward.

Huwa minnu li lejn l-ahhar snin taz-zwieg il-konvenut naqas milli jsib kompromess fil-hajja mizzewwga, beda jitraskura l-familja u beda joqghod barra mid-dar ghall-hinijiet mhux ragjonevoli. "anke f' dak li hu manteniment ghall-familja naqqas sew bil-konsegwenza li naqas bhala l-*breadwinner* tal-familja li jaghmel l-almu tieghu sew, biex izomm lil familtu kemm jista' jkun komda".[2]

Kif osservat mill-perit legali "Il-fatt li l-konvenut telaq mid-dar, ghalkemm f'certi cirkostanzi fejn iz-zwieg ifalli, tista' tkun soluzzjoni [fl-interess primarju tat-tfal] fejn ikun hemm hafna nkwiet, pero' l-obbligu tal-missier lejn familtu jissussisti, u dan dejjem skont il-mezzi tieghu. F' dan il-kaz …. Il-konvenut naqas sew minn dan l-obbligu, u x-xhieda tieghu li waqaf jahdem *'ghax hdimt kemm hdimt qatt ma baqali xejn',* mhix raguni accettabbli li jonqos mill-obbligi tieghu. Wara kollox hu sab il-hin u l-opportunita' li jkollu relazzjoni ma' mara ohra b'erbat t'itfal" li l-attrici saret taf biha ftit gimghat wara s-separazzjoni de facto.

Illi l-Qorti tosserva li l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu, rizultat tad-dizgwid kontinwu li l-partijiet kellhom minhabba n-nuqqas ta' qbil bejn l-attrici u ommu, u li, wara li telaq mid-dar konjugali, aggrava ruhu billi naqas li jghaddi manteniment lill-attrici, u di piu' dahal

[1] Dep. 25 Novembru 2009 – Fols.98 *et seq.*
[2] Fol.158

f'relazzjoni extra matrimonjali, jikkostitwixxu kemm 'sevizzi' kif ukoll ingurja gravi fil-konfront ta' martu, fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-kapitlu precitat.

Mill-banda l-ohra, ma jistax jigi njorat il-fatt li l-attrici bl-atteggjament negattiv li hi kienet apertament hadet kontra l-familjari tal-konvenut, u li kien wassal ghal hafna litigji bejn il-partijiet, wriet grad relevanti t'insensittivita' fil-konfront ta' zewgha l-konvenut. Dan il-komportament tal-attrici kkontribwixxa b'mod relevanti ghat-tkisser ta' dan iz-zwieg, u anke min-naha tieghu jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini tal-artikolu precitat.

Il-Qorti hi tal-fehema li l-komportament tal-konvenut, anke minhabba r-relazzjoni extra-matrimonjali li ghandu, jattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-kapitlu 16; filwaqt li dan l-istess artikolu m'ghandux japplika fil-konfront tal-attrici.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli, u li z-zwieg tfarrark irrimedjabbilment, primarjament bi htija tal-konvenut, u sekondarjament bi htija tal-attrici.

**Kura u Kustodja**
Illi dan il-kap illum huwa relevanti biss rifferibbilment ghat-tifla B li ghandha circa 16-il sena.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta' din il-minuri tibqa' f' idejn l-attrici, filwaqt li l-konvenut ikollu access konkordat mal-istess minuri.

**Manteniment**
Il-posizzjoni llum fir-rigward hija din.

Illi l-attrici, li llum ghandha circa 46 sena, ma tahdimx barra mid-dar, u qatt ma setghet tiggenera ntrojtu ghaliha, stante li tul iz-zwieg hi kellha l-oneru tat-trobbija ta' tlett t'itfal, bir-ragel jkun 'il boghod mid-dar ghal parti l-kbira tal-gurnata fuq xoghol. Illum hi tircevi l-ghajnuna socjali peress li l-konvenut ma jaghtihiex manteniment ghaliha, stante li jghid li ma jahdimx u ghalhekk m'ghandux introjtu.

Illi meta iz-zwieg kien miexi tajjeb, il-konvenut, li jahdem fuq *refrigeration* [inkluz tiswija ta' fridges, u air conditioners] kien jahdem hafna u kien jghaddi manteniment adegwat lill-attrici ghal ghejxien tal-familja; izda meta r-relazzjoni matrimonjali bdiet tmur lura, huwa kien naqqas l-ammont ta' manteniment li kien jaghti lill-attrici li tghid li, filwaqt li hu kien jirregistra ghax-xoghol, u kien jahdem fl-istess hin, lilha kien jaghtiha biss il-flus tal-assistenza socjali, filwaqt li l-qligh mix-xoghol tieghu kien izommu ghalih.

Illum il-gurnata l-posizzjoni tal-konvenut hija pjuttost misterjuza, stante li, ghalkemm jghid li ma jahdimx u mhux qed jircevi assistenza socjali, huwa jghix ghal rasu f' post ix-Xemxija, jghin ghalkemm mhux hafna lil habiba tieghu, mara b'erba' t'itfal, u jixtri l-bzonnijiet tieghu. Kif rilevat mill-perit legali, minn x' imkien il-konvenut qed igib il-flus.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi, stante li ma jirrizultax li l-konvenut qed jircevi xi beneficju jew assistenza socjali, u stante li ma jrrizultax li dan ghandu xi kondizzjoni medika jew xi mpediment iehor li timpendih milli jahdem, u stante li fil-passat huwa kien jahdem u jiggenera ntrojtu tajjeb bis-sengha tieghu, allura hija logika l-konkluzjoni li l-konvenut huwa kapaci jahdem u ghadu jahdem; u ghalhekk certament mhux gust li l-obbligu tieghu versu martu u t-tifla minuri jerfaghhom l-istat. Dawn huma obbligi tieghu li zgur li m'ghandux jigi ezonerat minnhom semplicement ghax jghid li ma jahdimx, bl-iskuza banali ghax fil-passat, ghalkemm hadem kemm hadem ma baqalu xejn!

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenut ghad ghandu l-obbligu li jaghti manteniment lil martu ghaliha, u ghat-tifla minuri.

Illi rigward il-quantum tal-manteniment, il-Qorti taqbel mal-perit legali li ghal rigward tat-tifla minuri dan ghandu jkun ta' €150 kull erba' gimghat; filwaqt li fir-rigward tal-attrici, tenut kont tal-eta' taghha [46] li, ghalkemm tillimita l-possibilita' taghha li ssib certu xoghol full-time, izda mill-

banda l-ohra tippermettilha li tghin lilha nnifisha finanzjarjament, il-manteniment ghandu jkun ta’ €180 kull erba’ gimghat, tenut kont ukoll li l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali ser tigi assenjata lilha.

Illi l-manteniment dovut ghal minuri jieqaf hekk kif it-tifla tibda tahdem full time jew taghlaq 18-il sena jew 23 sena jekk tkun full-time student skont l-artikolu 3B tal-kapitlu 16, liema jigi l-ewwel.

Illi dwar il-manteniment dovut lill-attrici ghaliha, il-Qorti taqbel li, mal-bejgh tal-art tal-Imqabba, l-manteniment ghandu jigi kapitalizzat u mghoddi lill-attrici bhala lump sum fl-ammont ta’ erba u ghoxrin elf ewro [€24,000]; u li dan l-ammont ghandu jithallas mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh. Il-hlas ta’ dan l-ammont ghandu jgib mieghu l-waqfien immedjat tal-hlas tal-retta alimentarja [€180] fuq stabbilita’ u dovuta lill-attrici ghaliha.

Illi pero’ din il-Qorti ma taqbilx li ‘jigi dikjarat’ li l-hlas tal-manteniment lill-attrici ghaliha ghandu jissupplimenta dak li hi qed tircevi bhala assistenza socjali ghaliha, stante li dan l-obbligu jinkombi fuq il-konvenut u mhux fuq l-istat.

Il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment fuq stabbilit.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet maghmula u konsiderazzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu, kontenuti fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni tal-Akkwisti’ fil-pagni 11 u 12 tar-relazzjoni, u taddottahom fl-intier taghhom[3]. Kopja ta’ dawn il-pagni qed jigu annessi mal-gudizzju odjern sabiex jifformaw parti ntegrali mill-istess. [Appendici A][4]

Ghalhekk taghmel is-segwenti assenjazzjoni:
[1] Illi l-kirja tad-dar matrimonjali 60 Pauline Triq is-Saljatura, Imqabba tigi assenjata fl-intier taghha

[3] Salv dak li ntqal fuq dwar l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48
[4] Fols.160 - 161

eklussivament lill-attrici; flimkien mal-ghamara u l-oggetti kollha, inkluzi l-computer u l-jukebox;

[2] Illi l-art fl-Imqabba tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma ta' €116,669; u fin-nuqqas, tinbigh taht l-awtorita' tal-Qorti skont il-ligi;

Il-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet f' porzjonijiet ugwali.

Il-konvenut minn sehemu ghandu jghaddi lill-attrici l-ammonti ta' €24,000 u €9,899.84; filwaqt li l-attrici minn sehemha ghandha tghaddi lill-konvenut l-ammonti ta' €4,076.40 u €891.24

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut, u dik sekondarja tal-attrici;

[2] tilqa' it-tieni u t-tielet talba, limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[3] tilqa' ir-raba talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[4] tilqa' il-hames talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti;

[5] tilqa' s-sitt talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------